# Tberik ĦAL SAFI 2016

L-GĦID IT-TAJJEB U L-PAĊI MAGĦKOM!

Hu ta' ferħ kbira għalija li bħala Kappillan, flimkien mas-saċerdoti l-oħra li qed jgħinnu b'xi quddies fil-parroċċa nkunu fostkom, u hija x-xewqa kbira tagħna li niġu narawkom biex fi Kristu naqsmu l-ferħ tal-Qawmien u tal-Preżenza ħajja tiegħu fi djarkom stess. Għaldaqstant it-Tberik ser isir hekk kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ħadd | 27-Marzu | **Fid-9.00am** - Każin San Pawl, Każin PN. |
| | | **Fl-10.45am** - Każin PL, Kunsill Lokali, Kunvent tas-Sorijiet |
| It-Tnejn | 04-April | Misraħ il-Knisja, Triq iż-Żurrieq (in-naħa ta' Dun Karm) |
| It-Tlieta | 05-April | Triq iż-Żurrieq (in-naħa tas-Sorijiet), Triq Dun Karm Lia |
| L-Erbgħa | 06-April | Triq l-Iskola (minn Triq iż-Żurrieq lejn Triq in-Nassaba), Triq in-Nassaba, Triq Salvu Cauchi |
| Il-Ġimgħa | 08-April | Triq il-Kuċċard, Triq it-Tellerit, Triq is-Summien |
| It-Tnejn | 11-April | Triq San Franġisk, Triq San Pawl, Triq il-Puniċi |
| It-Tlieta | 12-April | Sqaq San Mikiel, Triq San Ġużepp, Triq in-Nassaba (il-ġdida) |
| L-Erbgħa | 13-April | Triq l-Iskola, (minn Triq iż-Żurrieq lejn Triq Ta' Ġawhar), Triq il-Menqa |
| Il-Ġimgħa | 15-April | Misraħ San Mattew, Triq Dun Ġużepp Caruana |
| It-Tnejn | 18-April | Triq Santa Marija, Triq il-Kenn |
| It-Tlieta | 19-April | Triq il-Ħajt Ruman, Triq il-Feniċi |
| L-Erbgħa | 20-April | Triq id-Dolmen, Triq Ġwann Zammit, Triq in-Newba |
| Il-Ġimgħa | 22-April | Triq Ta' Ġawhar |
| It-Tnejn | 25-April | Triq il-Biedja |
| It-Tlieta | 26-April | Triq Qerd in-Naħal, Triq Dun Karm Vella |
| L-Erbgħa | 27-April | Triq Mikelanġ Busuttil, Triq il-Kaċċaturi, Triq il-Ħlantun |
| Il-Ġimgħa | 29-April | Triq San Ġorġ |
| It-Tnejn | 02-Mejju | Triq Stiefnu Erardi, Triq il-Palma, Triq Piju Zammit |
| It-Tlieta | 03-Mejju | Triq San Tumas, Trejqet it-Twemmin, Triq Tal-Ajżar |
| L-Erbgħa | 04-Mejju | Triq Tarsu, Triq Ta' Rqajja', Triq Bieb il-Ġarra |
| Il-Ġimgħa | 06-Mejju | Triq l-Ibraġ, Triq San Ġwann |

**TA' MIN TIEĦU NOTA:**

- Kull nhar ta' Ħamis ma jsirx tberik biex jinfetaħ l-Uffiċċju Parrokkjali filgħaxija;
- It-Tberik jibda għall-4:15pm.
- Mhux il-każ li tlestu ikel jew xorb.
- Aktar milli d-dar u l-għamara, ta' min jara li l-membri kollha tal-familja jkunu preżenti u fi spirtu ta' ġabra adatt għall-mument ta' talb.
- Biex ħadd ma jistenna bla bżonn, iż-żjara u t-tberik l-aħjar li jdumu bejn 5 u 10 minuti.
- Jekk xi ħadd ikun jixtieq ikellem lill-kappillan/saċerdot aktar fit-tul, tiddejjaqx titlob appuntament ieħor, barra mill-ħin tat-tberik.
- Jekk xi ħadd ma jkunx jista' meta indikat tajjeb li jikkuntattja lill-kappillan biex jinstab jum u ħin alternattiv.
- Jekk ser tagħtu xi donazzjoni, kunu afu li biha ser tkunu qed tgħinnu fir-Restawr tal-Bradella u l-Bankun u n-Niċċa San Pawl u fil-manutenzjoni tal-knisja.

Disinn u Stampar: Veritas Press, Zabbar. Tel: 21 822 270



# PARROĊĊA KONVERŻJONI TA' SAN PAWL ĦAL SAFI

**Tel: 21649223**



*Messaġġ tal-Kappillan*

## TWIDDEB LILL-MIDINBIN

***Att li qed isir rari fis-soċjetà tagħna***

*"Ma nifilħekx aktar! Il-ħin kollu trid tindaħal għax mingħalik tifhem!"*

Ikollna nammettu li aktar ma jgħaddi ż-żmien aktar dan il-kliem sar jidwi fina jew fi r-realtajiet tagħna. U r-riżultat ħafna drabi qed ikun silenzju u rabja, jew saħansitra tbatija *"għax kif niftaħ ħalqi jaħtfuni."* F'dan id-dawl, iva nirrealizzaw li fil-kultura li qed ngħixu fiha, li wieħed iwissi lil min qed jiżbalja mhux biss m'għadhiex moda, imma sar donnu sagrileġġ. L-istorja ta' tant valuri tajbin bdejna neżaminawha, niddubitawha, u saħansitra nlaqqmuha skaduta, waqt li valuri tassew diskuttibbli u li jxaqilbu b'mod apert għall-ħażen, bl-iskuża tal-progess, saru mhux biss permessi, imma anke rreklamati bl-għajjat u x-xenxilli kollha. Il-mod ta' kif ħafna saru jaħsbu u jgħixu qed iwassal biex naraw li l-moralità taffettwa biss l-opinjoni privata u mhux l-isfera pubblika: *"m'għandniex dritt ngħidu lil ħaddieħor kif jgħix għax min aħna aħna biex niġġudikaw"*, imma fl-istess nifs ngħajtu wkoll frażi kontradittorja: *"Għandna dritt ngħidu x'naħsbu, li nesprimu u nipperswadu bina nfusna, u li niġġieldu għall-ideat tagħna. Għandna d-dritt!"* Għaldaqstant li wieħed iwissi sar ikkunsidrat bħala tentattiv biex wieħed jimponi l-valuri tiegħu fuq l-oħrajn, jew bħala xorta ta' ġudizzju żbilanċjat u għalhekk inġust. Barraminhekk qed ngħixu fi żmien ta' sensittività eżaġerata, u xi kummenti ta' twissija u kritika kostruttiva għal ċertu mġieba tinftiehem fuq livell personali żżejjed u ta' diżrispett: *"Ħsiebek fija; ħsiebek biex taqbadni fl-iżball!"* Jekk xi ħadd jgħaddi xi kumment dwar *single mothers*, malajr jiġi interpretat li qed joffendi b'mod personali u dirett lill-foqra, lill-grupp minoritarju, lin-nisa, eċċ. L-istess jiġri f'ċertu kwistjonijiet, bħall-abort: dawk li jitkellmu kontrih bħala difiża tal-ħajja fraġli jiġu akkużati li mhumiex sensittivi għall-mara, u għalhekk jiġu mifhuma u ppreżentati bħala dawk li qed joffendu lill-mara. Mhux biss tibda tidher ċertu suppervja imma saħansitra aggressività. Dawn huma xi eżempji l-aktar ovvji ta' problema li qed trabbi sew l-għeruq fil-kultura ta' pajjiżna: tal-familji, u tal-Knisja f'Malta. In-nies qatt ma kienet u lanqas tieħu gost tirċievi korrezzjoni, imma llum, kif wieħed iwissi jakkużawh li qed jitfa' l-botti għax il-livell hu wisq personali. Fil-verità jidher li l-problema hi li qed neħlu f'fażi minn tal-adolexxenti, fejn għal persuna f'din il-fażi, li wieħed iħobb ifisser li kulħadd, jew kważi kulħadd, għandu jaqbel miegħu, mal-ideat tiegħu.

***Ġest li mhuwiex għażla imma obbligu għan-nisrani***

Biss xorta jibqa' l-fatt li għalina l-insara dan il-ġest huwa ħidma essenzjali tal-grazzja u l-imħabba u b'hekk għandna l-obbligu li nwissu lill-midinbin, u li naċċettaw twissijiet jew korrezzjonijiet aħna stess. L-iskop mhuwiex li nuru kemm aħna superjuri, kemm nifhmu u kapaċi nirbħu argument, u kemm ħaddieħor qed jagħmel ħażin. Imma l-għan hu li nwettqu din l-opra tal-ħniena billi nirbħu lil min qiegħed l-iżball lura fit-triq it-tajba; li nħabbru li l-maħfra tad-dnubiet hi triq miftuħa għal kulmin jindem. L-għan hu s-salvazzjoni u għalhekk li wieħed iwissi lill-midneb hija li jkun strument tal-Ħniena t'Alla, tas-sejħa ta' mħabba li Hu qed jagħmel lil min qed jipperikola ruħu sabiex ma jintilifx mill-imħabba li tixtieq tweġiba pożittiva u serja.

***Ta' min naraw il-Bibbja stess x'tgħidilna***

Kemm l-Antik Testment [Lev. 19,17] u kemm il-Ġdid Testment, pjuttost b'aktar insistenza,

*ikompli f'paġna 2*

jitkellmu dwar dan il-ġest li jindika theddida jew periklu. [Mattew 18,15-18; Gal. 6,1-2; Kol. 3,16; 1 Tess. 5,14; 2 Tess. 3,6; 2 Tess. 3,14; 2 Tim. 3,16; u Ġakbu 5,19]. Ġesù stess jgħidilna: *"Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, mur sibu waħdu u widdbu. Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt lura lil ħuk. Jekk ma jismax, erġa' mur u ħu miegħek wieħed jew tnejn oħra, biex kull ma jingħad jissaħħaħ bil-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta. Jekk imbagħad anqas minnhom ma jkun irid jisma', mur għid lill-knisja. U jekk anqas mill-knisja ma jkun irid jisma' żommu b'wieħed pagan u pubblikan. Tassew ngħidilkom, li kull ma torbtu fuq l-art ikun marbut fis-sema, u kull ma tħollu fuq l-art ikun maħlul fis-sema."* [Mattew 18, 15-18]. Ġesù jurina biċ-ċar li bħala nies li rridu nixbħuh, l-ewwel għandna nfittxu lil *'ħuna'* fil-privat. Ħadd ma jieħu gost li jitħammarlu wiċċu quddiem in-nies, huma min huma, u agħar u agħar meta donnu jsiru jafu diversi nies qabel min suppost għandu jkun jaf. Konfront personali hu l-aħjar triq għal kulħadd għax ipoġġiena fil-livell adatt. Barraminnhekk Ġesù jurina li l-aħjar mod ta' kif issir korrezzjoni jew twissija effettiva hija fl-ambitu ta' relazzjoni: inwissu lil xi ħadd billi qabel nuruh biċ-ċar li hemm relazzjoni ta' fiduċja reċiproka, u mhux naqbdu u ngħidu li nħossu, għax l-aqwa li nbattlu minn fuq l-istonku u ma jimpurtaniex mil-mod kif kliemna jista' jaffettwa lill-ħaddieħor. Persuna żgur li kapaċi tisma' aktar minn xi ħadd ta' fiduċja jew ħabib tal-qalb, milli minn xi ħadd li ma tkunx daqshekk midħla u li biex jikkoreġi jispiċċa jgħajjat magħha. San Pawl jikteb: *"Jekk ikun hemm xi ħadd fostkom li ma jagħtix widen għall-kliem li qiegħed ngħidilkom f'din l-ittra, immarkawh u nqatgħu minnu, ħalli jistħi; mhux li tħarsu lejh bħala għadu, imma li twiddbuh bħala ħukom."* [2 Tess. 3,14]. Għaldarb'oħra, it-twissija ma tiġix b'tali mod li l-persuna tkun meqjusa bħala *'għadu'*, imma pjuttost bħala ħija/oħt. L-imħabba fraterna hija żgur meħtieġa, għax jekk le nispiċċaw mhux inwissu imma numiljaw lill-persuna u aktar nuruh il-bieb ta' barra milli l-atmosfera familjari li għandu jkun hemm fi ħdan il-Knisja. Nispiċċaw niffukaw fuq it-tibna f'għajn ħaddieħor milli fuq it-travu li nkunu qed inġorru aħna stess. Min dan imbagħad nistgħu ngħaddu biex nuru li kliemna ser ikun att ta' kuraġġ, mħabba u attenzjoni xierqa għall-ġid tal-persuna li qed tirċievi t-twissija u l-korrezzjoni. Hekk biss nistgħu nibdew inwasslu, infejjqu, u nsaħħu bit-tagħlim korrett. L-għan mhuwiex li wieħed iċekken, jumilja, jew jiddieħak, imma li wieħed ikun avżat mill-periklu tad-dnub. Hu għalhekk li San Tumas ta' Akwino jinkludi din l-opra mal-atti tal-karità: hi ssib l-għeruq tagħha fl-imħabba u mhux fis-suppervja.

***Fil-prattika: naraw, nitgħallmu, u nitolbu***

B'dan f'moħħna u f'qalbna, kif nistgħu ngħidu li tassew inħobbu lill-oħrajn jekk naslu li ninjoraw lil ħutna? Xi kultant nixtiequ nikkoreġu imma mbagħad nibqgħu pass lura għax min jaf kif ser jaħsbuha fuqna, kif ser taffettwalna l-fama personali, ma nibżgħu li mhux ser nibqgħu nintogħġbu. Imma dan jikxef li l-imħabba tagħna lejn Alla u lejn l-oħrajn hija tassew waħda dgħajfa, superfiċjali. Dan jikxef wkoll b'liema kwalità ta' imħabba, ġenitur, jew xi ħadd li hu responsabbli, qed ikabbar lil uliedu. U biex żgur nintebħu kif din l-opra tal-ħniena nistgħu niskopruha u nwettquha sew ejjew inħarsu lejn l-eżempji mill-isbaħ tal-Papa preżenti, il-Papa Franġisku: bil-kliem u bil-ġesti tiegħu żgur nistgħu nagħrfu qalb li tassew trid tħobb, taf kif, u lesta tirriskja: bi kliemu mhuwiex qed ifittex li jsawwat jew jimponi, imma pjuttost qed juri attenzjoni, u rieda li jerfa' u jdewwi li min jindem u joffri protezzjoni kontra kull ħażen.

Nagħmlu tagħna din it-talba:

***Mulej agħtina l-kuraġġ u l-umiltà***
***li nwissu lil min qed jiżbalja***
***u l-grazzja li nagħmluha bl-imħabba.***
***Agħtina wkoll il-kuraġġ u l-umiltà***
***li naċċettaw twissija u korrezzjoni aħna stess,***
***u agħtina l-grazzja li narawha***
***bħala att ta' mħabba,***
***anke jekk mhux dejjem issir***
***bl-iżjed mod perfett.***

***Dun David Farrugia***
Kappillan Ħal Safi



**Ingħaqad mill-ġdid**
**bil-Magħmudija**
Mckenzie Monreal





# Id-Djarju tal-Parroċċa – April 2016

| | |
|---|---|
| Il-Ħadd 3 ta' April | **It-Tieni Ħadd tal-Għid - Ħadd il-Ħniena Divina**<br>Fil-5:00pm – Adorazzjoni<br>Fis-6:00pm – Quddiesa tal-Ħniena Divina |
| Il-Ħadd 10 ta' April | **It-Tielet Ħadd tal-Għid** – Jum il-Karità |
| L-Erbgħa 13 ta' April | **JUM ĦAL SAFI – Jum it-Twaqqif tal-Parroċċa (418-il sena) nhar it-13/04/1598** |
| Il-Ħamis 14 ta' April | Fis-7:15pm - Laqgħa tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali fl-Uffiċċju Parrokkjali. |
| Il-Ħadd 17 ta' April | **Ir-Raba Ħadd tal-Għid** – Jum il-Vokazzjonijiet<br>**JUM ĦAL SAFI**<br>Fl-10:00am – Quddiesa b'ringrazzjament mal-Kunsill Lokali.<br>Fl-10:45am – Il-Banda San Pawl tagħmel marċ tal-okkażjoni. |
| Il-Ħadd 24 ta' April | **Il-Ħames Ħadd tal-Għid** |

